MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1199/2005/1

**Aplan Limited**

**vs**

**Etienne Formosa**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u sitt liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm106.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu.
Bl-imghax u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju, 2004, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata fil-21 ta' Gunju, 2005, fejn intqal :
i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (ap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;
ii. Illi x-xoghol mis-socjeta` attrici ma sarx kif kitolbu l-installation instructions ;
iii. Illi l-"copper pipe" ma sarx skond is-sengha u l-arti ;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Semgha x-xhieda ta' Etienne Formosa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :
**1.** Illi l-ewwel eccezzjoni giet deciza fit-18 ta' Novembru, 2005, u giet michuda.
**2.** Il-kaz jirrigwarda bilanc ta' prezz fuq merkanzija mibjugha u konsenjata. Jirrizulta li l-merkanzija, konsistenti f'zewg airconditioners, kienet inxtrat f'April, 2001.
**3.** Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess konvenut illi meta gew installati l-imsemmija air conditioners, ma kienetx saret oil trap, kif inhu rikjest skond il-proceduri tal-installazzjoni, vide Dok.EF1. Din kienet necessarja, peress illi l-outdoor unit kienet giet installata fuq il-bejt, certa distanza mill-indoor unit.
**4.** Apparti minn dan irrizulta wkoll illi it-toqba li saret fil-hajt biex jghaddi l-pipe ma kienetx angolata, bil-konsegwenza, illi carcar l-ilma tax-xita l-gewwa u gab umdita fil-hajt.
**5.** Ghalhekk ghandu ragun il-konvenut jilmenta li x-xoghjol ma sarx kif jitolbu l-installation instructions.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba ats-socjeta` attrici. L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici, salv dak li gja gie deciz fir-rigward tad-decizjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni."

Bl-appell introdott minnha fil-konfront ta' din is-sentenza s-socjeta` attrici dehrilha li ghandha ticcensura lit-Tribunal in bazi ghall-aggravji li jsegwu:-

(1) It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi. Skond is-socjeta` attrici l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut kienu estraneji ghall-mertu tat-talba taghha u allura, bhal speci, it-Tribunal ghamel zball meta laqa' l-eccezzjoni illi x-xoghol ma sarx kif jitolbu l-*installation instructions*;

(2) It-Tribunal ma osservax il-principju ta' l-ekwita` u, sa certu punt, dak ta' l-*audi alteram partem* bil-konsegwenza li hi giet serjament ippregudikata;

Huwa fl-ordni logiku illi din il-Qorti trid tibda biex tinvesti t-tieni aggravju in kwantu jekk dan jirrizulta fondat u jinstab li verament kien hemm ksur tal-principju *audi alteram partem* dan iwassal ghan-nullita` tas-sentenza u l-Qorti jkollha tghaddi biex hi stess tiddetermina u tiddeciedi t-talba skond kif mahsub bl-Artikolu 8 (4) ta' l-Att V ta' l-1995;

Gja minn qabel ir-redazzjoni tal-Kostituzzjonijiet u tal-Konvenzjonijiet il-principju *audi alteram partem* kien ferm ankrat fl-ispirtu tal-bnedmin dwar kif min hu msejjah biex jiggudika ghandu jespleta din il-funzjoni tieghu fil-kondotta tal-kwestjoni quddiemu. Kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, in omagg ghal dan l-ispirtu, pozittivament hasbu ghall-harsien u attwazzjoni tal-principju imsemmi, u kif il-qaghda ghandha tigi radrizzata meta jinstab li dan gie injorat jew lez. Ara, ad ezempju, is-sentenzi riportati a **Vol. XXXII P II p 350, Vol. XXXIII P I p 648, Vol. XXXVII P II p 675** u **Vol. XLVIII P I p 509**, fost bosta ohrajn. Din l-istess Qorti, kif presjeduta, ma naqsetx, kull meta l-kaz kien hekk jirrikjedi, milli thares ir-rispett ta' dan l-istess principju;

Dan premess, fil-hsieb tal-Qorti il-kaz prezenti ma huwiex wiehed minn dawn u anzi ssib li l-ilment dwar in-nuqqas tas-smigh xieraq hu wiehed ghal kollox frivolu, jekk mhux ukoll vessatorju. Certament is-socjeta` appellanti ma

kellhiex, ghan-non-kuranza taghha fil-proceduri, tippretendi l-indulgenza ta’ din il-Qorti. Dan qed jigi rilevat in kwantu hu lampantement manifest, minn semplici ezami ta’ l-inkartament, id-dizinteress taghha fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal. Xhieda ta’ dan huma l-verbali tas-6 ta’ Ottubru 2005 (fol. 10), 5 ta’ Jannar 2006 (fol. 24), 2 ta’ Frar 2006 (fol. 25) u 29 ta’ Marzu 2006 (fol. 32). Il-Qorti, imbaghad, ma tistax ma tinnotax illi s-socjeta` appellanti mhux biss ma talbetx is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza izda lanqas issa f’ din is-sede ma ressqet raguni minima biex tiggustifika l-assenza taghha fil-proceduri quddiem it-Tribunal. Ma tistax ghalhekk tippretendi li din il-Qorti ghandha tippremja dan l-atteggjament taghha bit-thassir tas-sentenza;

Is-socjeta` appellanti jmissha tifhem u tapprezza illi d-disposizzjonijiet procedurali ta’ kif u meta ghandhom jitressqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet okkorrenti huma mizura ta’ dixxiplina u ta’ sikurezza processwali li jridu dejjem jitharsu. Il-parti f’ kawza ma tistax l-ewwel ma tosservax dawn ir-regoli procedurali biex wara tilmenta li d-dritt taghha gie miksur. Din mhix kwestjoni ta’ formalizmu zejjed jew eccessiv imma ghaliex jiddependi mill-osservanza taghhom l-andament kif imiss tal-process. F’ kull kaz, kif gja ravvizat, is-socjeta` appellanti minn imkien mir-rikors ta’ l-appell taghha ma rnexxielha tikkonvinci illi hi giet privata milli tigi mismugha u li sofriet dik il-privazzjoni ingustament, jigifieri mhux bi htija addebitabbli lilha. Ghall-atteggjament volontarju taghha minn dak fuq espost ma tistax hlief tinkolpa lilha nnifisha, ghax kif drabi ohra rilevat, *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*. Ara **Kollez. Vol. XXXIX P I p 395**. F’ dan il-kaz jista’ facilment jinghad li kienet is-socjeta` appellanti innifisha li bl-atteggjament non-kuranti taghha kkontribwit ghall-pregudizzju minnha lamentat. Jikkonsegwi illi l-aggravju taghha in meritu ghal punt imqanqal ma jistax jirnexxi u qed jigi respint;

Ferma din il-konkluzjoni ghandu jsegwi illi anke l-ewwel aggravju hu destinat li jfalli. Dan fuq zewg livelli: (i) il-

pregudizzjali sollevata mill-konvenut appellat ta' l-inammissibilita` ta' l-appell fil-parametri ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380; (ii) f' ebda parti tas-sentenza appellata ma hemm imsemmi u wisq anqas deciz il-punt ta' dritt li issa qed jigi sollevat f' din l-istanza;

Issa huwa veru li s-socjeta` appellanti taccenna, bit-tieni aggravju taghha, illi t-Tribunal ma osservax il-principju ta' l-ekwita`. B' danakollu imbaghad minn imkien ma tispjega f' hiex kien jikkonsisti l-ksur tad-dritt ekwitativ, hlief biex forsi torbtu mal-principju l-iehor tal-lezjoni *audi alteram partem*, u li l-ilment dwaru nstab li ma kienx sostenibbli. Zgur imbaghad li s-socjeta` appellanti ma tistax tilmenta illi hi ma setghetx tissolleva in prima istanza l-kwestjoni dedotta bl-ewwel aggravju taghha, u li bih issa qeghda tittanta timpunja s-sentenza, ghaliex hi, kif gja intwera, baqghet ghal kollox non-partecipanti. Jikkonsegwi illi proceduralment mhux lecitu illi s-socjeta` appellanti tohloq il-punt tad-dritt li ma kienx jifforma kontroversja quddiem it-Tribunal u ma giex minnu hekk deciz. Kieku dan kellu jigi akkonsentit ikun ifisser illi d-disposizzjoni tal-ligi limitanti d-dritt ta' l-appell tigi ghal kollox newtralizzata in kwantu kull appellant ikun jista' bil-mera volonta tieghu johloq kontroversji godda f' din is-sede u jippretendi decizjoni dwarhom. Dan ghal din il-Qorti ma huwiex la guridikament permissibbli u lanqas lecitu;

Affermat dan, anke kieku kellha din il-Qorti taffronta l-meritu ta' l-aggravju xorta wahda ma ssibx li dan jista' jigi akkolt;

Jirrizulta li n-negozju bejn il-kontendenti kien wiehed mist, komprensiv ta' akkwist b' xiri ta' zewg *air conditioners* u l-installazzjoni ta' l-istess. Jirrizulta li l-prezz pattwit thallas kollu u li s-somma pretiza bit-talba tas-socjeta` attrici tirrapprezenta l-prezz relattiv ghall-"*additional copper piping*" ghal fini ta' l-installazzjoni;

Issa huwa veru illi l-installazzjoni u x-xoghol relatat maghha jirrapprezenta l-mezz ghal konsegwiment ta’ l-*air conditioners* komprati. Daqstant iehor huwa veru wkoll illi minn dak deducibbli mill-volonta` tal-partijiet l-iskop tan-negozju kien dak li dawn l-*air conditioners* jitqeghdu fi stat li jistghu jiffunzjonaw, u jiffunzjonaw sew, skond l-esigenzi u l-htigijiet tal-konvenut akkwirent. Ghalkemm il-kawza negozjali hi kombinata f’ negozju mist fejn l-element prevalenti hu dak tal-bejgh, din il-Qorti ma tarax ghaliex, fir-rispett ta’ l-awtonomija kontrattwali, il-materja rigwardanti l-installazzjoni ma ghandhiex tigi regolata minn normi proprji ta’ l-istitut ta’ l-appalt meta dan ma huwiex inkompatibbli mad-dixxiplina applikabbli ghall-bejgh.

Ghal dawn il-motivi kollha superjorment dedotti l-appell qed jigi michud fiz-zewg kapi tieghu u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------